



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2011/2021(BUD)

1.2.2011

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE, skont il-punt 26 tal-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda
(2011/2021(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Danuta Maria Hübner

PA_NonLeg

Il-Kummissjoni Ewropea infurmat lill-Parlament Ewropew fil-proposta tagħha għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE (COM(2011)0010) li abbażi tal-applikazzjonijiet għal għajnuna mill-Polonja, is-Slovakkja, l-Ungerija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija u l-pajjiż kandidat, il-Kroazja, fir-rigward tad-diżastri ta' għargħar ta' Mejju, Ġunju u Lulju 2010, hija qed tipproponi l-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE billi tistma d-danni kkawżati għal kull pajjiż kif ġej:

	Ħsara diretta	Limitu (f'miljuni)	Ammont ibbażat fuq 2.5%	Ammont ibbażat fuq 6%	Ammont totali ta' għajnuna proposta
Polonja – għargħar 2010 “diżastri maġġuri”	2 998 989 248	2 124.920	53 123 000	52 444 155	105 567 155
Slovakkja – għargħar 2010 “diżastri maġġuri”	561 133 594	378.205	9 455 125	10 975 716	20 430 841
Ungerija - għargħar 2010 “diżastri maġġuri”	719 343 706	590.710	14 767 750	7 718 022	22 485 772
Repubblika Ċeka - għargħar 2010 “pajjiż ġar”	204 456 041	824.029	5 111 401	0	5 111 401
Kroazja - għargħar 2010 “pajjiż ġar”	153 039 303	275.804	3 825 983	0	3 825 983
Rumanija - għargħar 2010“diżastri maġġuri”	875 757 770	787.935	19 698 375	5 269 366	24 967 741
Total					182 388 893

Sabiex ikun evitat dewmien bla bżonn fl-approvazzjoni ta' din il-miżura li l-Kumitat għall-Baġits għandu ħsieb li jadotta malajr kemm jista' jkun, għandna pjaċir ninfurmawk li l-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali m'għandu l-ebda oġġezzjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà sabiex tkun ipprovduta s-somma ta' EUR 182 388 893 lill-pajjiżi kkonċernati kif propost mill-Kummissjoni Ewropea u bi qbil mar-regoli mniżżla fil-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002.